GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR221488 | 02.11.2022 | 1

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***"Ninsab ferm kburi bis-suċċess li ksibt għalik u għal pajjiżna" – Speaker tal-Kamra tad-Deputati***

"Ninsab ferm kburi bis-suċċess li ksibt għalik u għal pajjiżna" – dan kien il-kliem li bih l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia laqa' fl-uffiċċju tiegħu lill-Scott Muscat, champion tad-dinja tal-pool.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia kompla billi faħħar l-isforzi li għamel is-Sur Muscat, li wasslu għat-tieni rebħa ta' titlu prestiġjuż fil-kamp sportiv tal-pool, filwaqt li saħaq li dan għandu jkun l-aqwa eżempju għaż-żgħażagħ tagħna sabiex jimirħu fil-qasam sportiv.

Is-Sur Muscat kien rebaħ il-kampjonati Ewropej tal-kategorija ta' taħt it-23 fl-2018 u din is-sena, proprju ftit jiem ilu, champion tad-dinja wara prestazzjoni mill-aqwa ġewwa l-Irlanda.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt

www.doi.gov.mt